Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 27/2016

Il-Pulizja

Vs

Lee Borg

Illum 30 ta' Gunju, 2016,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Lee Borg, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 258790M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn ix-xahar ta' Ottubru, 2014 u Frar, 2015, f'dawn il-gzejjer:

1) Ghamel lil Roderick Micallef u lil Harald Czellary ingurji jew theddid, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
2) U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Art. (a)(b)(c), tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.
3) U aktar talli bil-hsieb li jtellef jew inaaqas il-gieh ta' Roderick Micallef u lil Harald Czellary, weggahom bi kliem, b'gesti, b'kitba b'disinjji jew b'xi mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fit-18 ta' Jannar, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 252 u 339(1)(e) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 49 tal-Kapitolu 339 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250) li ghandha tithallas fi zmien xahar m'illum u f'kaz li ma tithallasx din ghandha tigi konvertita f'habs skond il-ligi.

In oltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tohrog Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Roderick Micallef u ta' Harald Czellary ghal zmien tlett (3) snin skond id-digriet anness.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Lee Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2016, fejn talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija tat-tielet akkuza, tirrikunsidra l-htija u anke l-piena fir-rigward tal-ewwel akkuza filwaqt li tirrevoka l-htija tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Lee Borg esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Fir-rigward tal-ewwel akkuza, wiehed irid jiehu l-kuntest shih tal-fatti li wasslu lill-appellant biex jibghat email b'certu diskors indirizzat lejn il-kwerelanti. Kif spjegat mill-fatti, l-appellant sab ruhu f'sitwazzjoni frustranti u dan unikament minhabba l-agir abbuzic tal-kwerelanti fil-konfront tieghu. L-appellant ma kienx sempliciment irrezenja mill-post tax-xoghol tieghu izda r-raguni tar-rizenja kienet rizultat ta' tkeccija kostruttiva minn naha ta' Roderick Micallef u Harald Czellary. Dan l-istat ta' fatt wassal ghat-telf tal-impjieg ta' Lee Borg u ghaldaqstant hu tilef l-introjtu tieghu u sab ruhu f'cirkostanzi ta' incertezza kbira, u dan apparti l-fatt li kien ilu xhur shah anke snin suggett ghal agir abbuziv spjegat hawn fuq li fl-ahharnett wasslu ghar-reazzjoni tieghu fl-email wahda li baghat lil kwerelanti. Ghaldaqstant, hija fil-fehma umli tal-appellant illi r-reazzjoni tieghu, filwaqt li jammetti li mhux wahda idoneja, kienet biss rizultat tal-frustrazzjoni kkawzata lilu unikament mill-provokazzjoni ta' Roderick Micallef u Harald Czellary u allura r-reazzjoni ta' Lee Borg m'ghandiex titqies bhala wahda sproporzjonata jew li harget mill-limiti tal-provokazzjoni.

It-tieni aggravju jirrigwarda t-tieni akkuza li hija dik ta' theddid permezz ta' uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Fis-sentenza moghtija tat-12 ta' Gunju, 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Gauci il-Qorti trattat dwar l-elementi tar-reat ta' theddid u kkonkludiet propju illi: '*Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv.*'

Fil-kwistjoni li jikkoncerna dan l-appell, l-appellant kien baghat messagg fuq il-mobile ta' wiehed mill-kwerelanti fejn gharrfu li kien ser jirrapporta attivita' da parti tal-kwerelanti li, fl-opinjoni tal-appellant, kienet irregolari. Il-hsieb tal-appellant ma kienx wiehed li jaghmel hsara, u wisq anqs ingusta, lill-kwerelant. Ghaldaqastant l-elementi tar-reat tad-theddid ma jirrizultax u allura l-appellant ma kellux jinstab hati ta' din l-akkuza dedotta kontrih.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija imressqa 'il quddiem mill-appellanti u dan ghal dak li jirrigwarda is-sejbien ta' htija ghall-ewwel u it-tieni akkuzi migjuba fil-konfront tieghu idur madwar l-apprezzament erronju maghmul mill-Ewwel Qorti tal-fatti esposti quddiemha in konnessjoni ma' dawn iz-zewg akkuzi.

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :-

"*assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat)*, because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*" (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si

tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Issa din il-Qorti tibda qabel xejn biex tosserva illi ghalkemm dan il-kaz kien jitratta dwar ingurji u theddid li allegatament sehhew permezz ta'l-informatika u cioe' tramite e-mails u messaggi bl-sms fuq telefon cellulari, madanakollu l-prova dwar l-istess hija ghal kollox mankanti. Ghalkemm jirrizulta mill-affidavit ta'l-ufficjal investigattiv il-WPC256 L.Sant, (li lanqas jirrizulta ezattament x'jisimha,) illi kienu ser jigu annessi xi dokumenti konsisenti f'e-mails fost ohrajn max-xhieda taghha, madanakollu l-ebda wiehed minn dawn id-dokumenti ma jinsab fl-atti. Illi anke meta jixhdu il-parti leza Czellary u Micallef, ghalkemm isemmu dawn l-emails u messaggi cellulari u ghalkemm din il-Qorti tifhem illi ghal ta'l-inqas ghal dak li jririgwarda l-e-mail din kienet anke f'idejn ix-xhud Micallef u sahansitra kien qed jaqra il-kontenut ta'l-istess, madanakollu dan lanqas ma gie esebiet biex b'hekk ma setatx issir il-verifika tal-awtur ta' dik l-email. Di piu' fir-rigward tal-messaggi cellulari ix-xhud Czellary ighid illi dan l-apparat telefoniku ma kienx ghadu fil-pussess tieghu u allura ma kienx f'posizzjoni jindika in-numru cellulari tal-mittenti ta' dawn il-messaggi. Mankanti allura din l-ahjar prova li l-prosekuzzjoni kienet fi dmir illi tressaq, iktar u iktar fir-rigward tat-tieni akkuza prospettata minnha, l-Ewwel Qorti, kif staqrret fil-fatt fid-decizjoni impunjata setghet tistrieh biss fuq l-ammissjoni maghmula mill-appellanti fix-xhieda tieghu li jistqarr li ghalkemm ma heddidtx lill-parti leza, madanakollu qal xi kliem ingurjuz fil-konfront taghhom konsegwenza tar-rabbja li kellu ghal mod kif kienu gabu rwiehom mieghu fuq il-post tax-xoghol tant illi spicca kostrett ifittex impjieg alternattiv. Isemmi madanakollu l-kliem ingurjuz li huwa bghat tramite e-mails izda ma ighid xejn dwar il-messaggi li l-parti leza Czellary ighid li rceva fuq it-telefon cellulari tieghu.

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

Issa l-appellanti fir-rigward ta'l-ewwel akkuza jishaq illi l-kliem ingurjuz inghad minnu minhabba li gie ipprovokat meta huwa kellu jitlaq mill-impjieg tieghu minhabba trattament hazin li kien qed jircevi minn idejn l-parti leza, li kienu is-superjuri tieghu u inoltre kien ghadu lanqas thallas l-ammont ta' €800 dovuti lilu bhal hlas ghax-xoghol tieghu. Kienu dawn il-fatturi li wassluh sabiex jibghat l-email inkriminanti. Illi jirrizulta illi l-appellanti gie akkuzat kemm bl-ingurja kontravvenzjonali kif ukoll bl-ingurja dellitwali fejn f'din ta'l-ahhar l-"animus injurandi" huwa element mehtieg, jigifieri l-propozitu doluz, jew almenu l-koxjenza doluza, li l-kwerelat qieghed jghid xi haga li tnaqqas l-istima u r-riputazzjoni, jew l-unur, jew ir-rispettabilita' tal-kwerelant, jew li tesponieh ghad-disprezz. Illi kif gie deciz:

*"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi* ***iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata*** *("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.*

Issa il-fatti li rrisultaw f'dan il-kaz kienu bla dubbju jinkwadraw ruhhom fir-reat kontravvenzjonali, u mhux fid-delitt kontemplat fl-Artikolu 252 imsemmi ghaliex ghalkemm jissemma xi logo tal-kumpanija li gie allegatament alterat mill-appellanti u li ukoll kien fih kliem ingurjuz, dan id-dokument qatt ma gie esebiet, kif lanqas gew esebieti l-emails mertu tal-kaz u allura ma hemmx prova illi dawn gew mghoddija lil xi terza persuna apparti lill-kwerelanti. Jidher illi l-Ewwel Qorti ibbazat is-sejbien ta' htija ghat-tielet akkuza fuq dak mistqarr mill-appellanti u il-parti leza dwar kliem ingurjuz li inghad f'e-mail u messaggi cellulari skambjata bejn il-partijiet infushom u ma jidhirx illi dawn gew imxandra jew mghoddija lil terzi. Maghdud dan, madanakollu billi ma hemm l-ebda aggravvju f'dan is-sens din il-Qorti ghandha idejha marbuta u ma ghandhiex triq ohra hlief li tikkonferma il-htija ghal din l-imputazzjoni. Dan qed jigi rilevat billi konsegwentment dan l-ewwel

aggravvju imressaq mill-appellanti ma jistax jintlaqa' billi dan huwa dirett lejn l-akkuza kontravvenzjonali u mhux dik delittwali fejn ma hemmx prova in atti illi l-ingurja sehhet minhabba xi att provokotarju minn naha tal-parti leza f'dak il-mument li inghad id-diskors. Il-fatt illi l-appellanti seta' kien irrabjat minhabba xi agir jew nuqqas li sehh fil-konfront tieghu minn naha tal-kwerelanti ma hijiex il-provokazzjoni li titkellem dwarha il-ligi f'din il-kontravenzjoni li hija tali li ma tirrikjediex xi premeditazzjoni jew xi intenzjoni specifika ta' ingurja. Kwindi dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Jilment ukoll l-appellanti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li dwarha instab hati illi huwa qatt ma uza kliem ta' theddid fl-email mibghuta u allura kellu jigi illiberat. Illi l-appellanti ma ghandux ragun ghaliex fl-ewwel lok jidher illi it-tieni akkuza addebitata lilu hija dik ravvizata fis-sub-inciz (a)(b)u (c) ta'-artikolu 49 li allura jipprospetta tlett sitwazzjonijiet differenti u mhux biss it-theddid tar-reat li jitkellem dwaru is-sub-inciz (a). Illi allura dan ir-reat jikkontempla ukoll l-uzu mhux xieraq li isir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni u dan fis-subiniciz (c) tieghu, ghalkemm l-Ewwel Qorti ma tindikax taht liema sub-inciz qed tinstab il-htija. Billi l-appellanti *ex admissis* jistqarr illi huwa bghat e-mail bi kliem ingurjuz lill-kwerelanti b'dan ghalhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza, allura dan l-aggravvju ukoll ma jisthoqqlux akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur